

31997R0831

8.5.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 119/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 831/97**tas-7 ta' Meju 1997****li jqiegħed standards tax-xiri u l-bejgħ applikabbli għall-avokado**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 2200/96, fl-Anness I, jelenka l-prodotti li għalihom għandhom jiġu adottati *standards*; billi, mill-prodotti elenkati f'dan l-Anness, l-ebda *standard* Komunitarju għadu ma ġie stabbilit għall-avokado fost l-oħrajn; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti l-*standards* tal-*marketing* għal dawn il-prodotti; billi, b'dan l-għan, b'rispett għat-trasparenza fuq is-suq dinji, għandhom jitqiesu l-*standards* irrakkomandati għal dawn il-prodotti mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa;

Billi l-applikazzjoni ta' dawn l-*standards* għandu jkollha l-effett li ma tħallix jidħlu fis-suq il-prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti, tidderiġi l-produzzjoni sabiex tilħaq il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u tiffaċilita l-kummerċ f'kondizzjonijiet kompetittivi ġusti, biex b'hekk tgħin fit-titjib tal-kapaċità tal-qligħ tal-produzzjoni;

Billi dawn l-*standards* jistgħu jiġu applikati fl-istadji kollha tal-*marketing*; billi t-trasport fuq distanzi twal, il-ħażna għal iktar minn ċertu tul taż-żmien u l-ammont tat-tqandil li għalih il-prodotti jkunu bla ħsara jistgħu jirriżultaw fi grad ta' deterjorazzjoni minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodott jew in-natura tiegħu li jeħżien; billi din id-deterjorazzjoni għandha titqies fl-applikazzjoni ta' l-*standards* għall-istadji tal-*marketing*

wara l-kunsinna; billi, ġaladarba l-prodotti tal-klassi "Extra" jridu jiġu magħżula u ppakkjati b'attenzjoni partikolari, għandu jkun hemm biss tħollija għal rigward xi nuqqas fil-freskezza u rigward it-turġidità;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-*standards* tal-*marketing* li jistgħu jiġu applikati għall-avokado li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0804 40 għandhom ikunu kif iddikjarati fl-Anness.

2. L-*standards* għandhom japplikaw għall-istadji kollha tal-*marketing* taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madanakollu, fl-istadji wara l-kunsinna għandhom jiġu permessi t-tolleranzi li ġejjin:

- (a) telf ħafif tal-freskezza u t-turġidità;
- (b) għall-prodotti oħra għajr tal-klassi "Extra", deterjorazzjoni ħafifa minħabba l-iżvilupp bijoloġiku u l-abbiltà li jeħżienu.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhlo fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Meju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

ANNEX

L-ISTANDARDS GĦALL-AVOKADO

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-*istandard* japplika għall-avokado tal-varjetajiet (varjetajiet immissla bil-kultivazzjoni) imkabbra mill-*Persea americana* Mill li jridu jiġu forniti friski lill-konsumatur, bl-esklużjoni tal-frott partenokarpiku u l-avokado għall-ipproċessar industrijali eskluż.

II. ID-DISPOZZJONIJET LI JRRIGWARDAW IL-KWALITÀ

L-iskop ta' l-*istandard* hu li jiġu ddefiniti l-ħtiġijiet tal-kwalità ta' l-avokado wara t-tħejija u l-ippakkjar.

A. Il-Ħtiġijiet minimi

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispozzjonijiet speċjali għal kull klassi u għat-tolleranzi permessi, l-avokado jrid ikun:

- intatt,
- sħiħ, jiġi eskluż il-prodott affettwat mit-tħassir jew id-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum,
- nadif, prattikament ħieles minn kull materja barranija viżibbli,
- prattikament ħieles mill-ħsara kkawżata mill-insetti u l-annimali tal-qerda,
- ħieles mill-ħsara kkawżata minn temperatura baxxa,
- b'zokk mhux iktar minn 10mm fit-tul li jrid jinqata' b'mod nadif. Madanakollu, l-assenza ta' dan mhix ikkunsidrata difett bil-kundizzjoni li l-post ta' fejn ikun imqabbd iz-zokk ikun xott u intatt,
- ħieles mill-irtubija minn barra mhux normali,
- ħieles minn kull riħa u/jew toġhma barranija.

L-Avokado jrid jiġi maqtuġh b'attenzjoni. L-iżvilupp tiegħu għandu jkun laħaq stadju fiżjoloġiku li jiżgura kontinwazzjoni fil-proċess ta' saġran sat-tlestija. Il-frott il-misjur għandu jkun ħieles mill-imrar.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni ta' l-avokado għandhom ikunu hekk illi jgħinuh:

- jiflaħ għat-trasport u t-tqandil, u
- jasal fil-post tad-destinazzjoni f'kondizzjoni sodisfaċenti.

B. Il-Klassifika

L-Avokado jiġi kklassifikat fit-tliet klassijiet iddefiniti hawn taħt:

(i) Il-Klassi "Extra"

L-Avokado f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fl-għamla u fil-kulur għandu jkun karatteristiku tal-varjeta.

Irid ikun ħieles mid-difetti, bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali ħfief ħafna tal-ġilda sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett. Jekk preżenti, iz-zokk għandu jkun intatt.

(ii) Il-Klassi I

L-Avokado f'din il-klassi għandu jkunu ta' kwalità tajba u juru l-kulur u l-għamla tipiċi għall-varjeta.

Id-difetti ħfief li ġejjin, madanakollu, jistgħu jitħallew sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

- difetti ħfief fl-għamla u l-kulur,
- difetti ħfief tal-ġilda (jixbah lis-sufra, lenticelli mfejqa) u tal-ħruq mix-xemx; il-firxa totali massima ma għandhiex taqbeż 1-4cm².

Fil-ebda każ ma jistgħu d-difetti jaffettwaw il-laħam tal-frott.

Iz-zokk, jekk preżenti, jista' jkun xi ffit imħassar.

(iii) Il-Klassi II

Din il-klassi tinkludi l-avokado li ma jikkwalifikax sabiex jiġi inkluż fil-klassijiet iktar għolja imma jissodisfa l-ħtiġijiet minimi speċifikati hawn fuq.

Id-difetti li ġejjin jistgħu jitħallew sakemm l-avokado jżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu rigward il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

- difetti fl-għamla u l-kulur,
- difetti tal-ġilda (jixbah lis-sufra, lenticelli mfejqa) u tal-ħruq mix-xemx: il-firxa totali massima ma għandhiex taqbeż is-6cm².

Fl-ebda każ ma jistgħu d-difetti jaffettwaw il-laħam tal-frott.

Iz-zokk, jekk preżenti, jista' jkun bil-ħsara.

III. ID-DISPOZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-GĦOTI TAD-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit skond il-piż tal-frott; l-iskala tad-daqs hija kif ġej:

L-iskala tal-Piż fi grammi	Id-daqs tal-Kodiċi
minn 781 sa 1220	4
minn 576 sa 780	6
minn 461 sa 575	8
minn 366 sa 460	10
minn 306 sa 365	12
minn 266 sa 305	14
minn 236 sa 265	16
minn 211 sa 235	18
minn 191 sa 210	20
minn 171 sa 190	22
minn 156 sa 170	24
minn 146 sa 155	26
minn 136 sa 145	28
minn 125 sa 135	30

Il-piż minimu ta' l-avokado ma għandux ikun inqas minn 125 g.

IV. ID-DISPOZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Għandhom jiġu stabbiliti tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs f'kull pakkeġġ għall-prodott li ma jissodisfax il-ħtiġijiet għall-klassi indikata.

A. It-tolleranzi tal-kwalità

(i) Il-Klassi "Extra"

5 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' l-avokado li ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' l-avokado imma li jilħaq dawk tal-klassi I jew, b'mod eċċezzjonali, li jidħol fit-tolleranzi ta' din il-klassi.

(ii) Il-Klassi I

10 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' l-avokado li ma jissodisfax il-ħtiġijiet tal-klassi imma li jilħaq dawk tal-Klassi II jew, b'mod eċċezzjonali, li jidħol fit-tolleranzi ta' din il-klassi.

(iii) Il-Klassi II

10 fil-mija skond in-numru jew il-piż ta' l-avokado li la jissodisfa l-ħtiġijiet tal-klassi lanqas il-ħtiġijiet minimi, bl-eċċezzjoni tal-frott affettwat mit-taħsir, it-tbenġil immarkat jew kull deterjorazzjoni oħra li tagħmel il-frott mhux tajjeb għall-konsum.

B. It-Tolleranzi rigward id-daqs

Għall-klassijiet kollha: 10 % skond in-numru jew il-piż ta' l-avokado li jikkonforma mal-firxa tad-daqs immedjatament iktar baxx u/jew iżjed għoli minn dak imsemmi fl-għoti tal-marki.

V. ID-DISPOZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **L-Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkeġġ irid ikun uniformi u jkun fih biss avokado ta' l-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkeġġ trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut intier.

B. **L-ippakkjar**

L-avokado għandu jiġi ppakkjat hekk illi l-prodott jiġi protett kif xieraq.

Il-materjali użati għewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u ta' kwalità hekk illi tevita kull ħsara lill-frott minn barra jew minn għewwa. Jista' jitħalla l-użu tal-materjali, b'mod partikolari l-karta jew it-timbri li jgħorru speċifikazzjonijiet kummerċjali sakemm l-istampar jew l-ittikkettjar ikunu saru b'linka jew b'kolla mhux tossiċi.

Il-pakkeġġi jridu jkunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. ID-DISPOZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW L-GĦOTI TAL-MARKI

Kull pakkett irid iġorr il-partikolarijiet li ġejjin, fittri miġbura fuq l-istess naħa, li jstgħu jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassrux, u viżibbli min-naħa ta' barra:

A. **L-Identifikazzjoni**

Il-pakkjatur u/jew min jiddispaċċja: l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċettata uffijjalment. Madanakollu, fil-każ meta tiġi użata marka tal-kodiċi, ir-referenza 'il-pakkjatur u/jew min jiddispaċċja' (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti) għandha tiġi indikata f'konnessjoni mill-qrib mal-marka tal-kodiċi.

B. **In-natura tal-prodott**

- "Avokado", jekk il-kontenut ma jkunx viżibbli minn barra,
- l-isem tal-varjetà.

Ċ. **L-oriġini tal-prodott**

- Il-pajjiż ta' l-oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn imkabbar, jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

D. **L-Ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

- Il-Klassi,
- id-daqs espress skond il-piż minimu u massimu,
- in-numru tal-kodiċi ta' l-iskala tad-daqs u n-numru ta' frott meta jkun differenti min-numru tal-kodiċi jew, mhux obbligatorju, in-numru tal-kodiċi ta' l-iskala tad-daqs u l-piż nett tal-pakkeġġ.

E. **Il-Marka uffijjali tal-kontroll** (mhux obbligatorja)
